REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1204

tal-5 ta' Lulju 2017

li jikkoreġi l-verżjoni Slovakka tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2403 li jistabbilixxi linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni sabiex ikun żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu inoperabbli irreversibilment

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi ([1]), u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Parti III tal-Anness I tagħha,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Slovakka tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403 ([2]) fiha żball fl-Artikolu 1(2), fejn il-kelma "sakemm" bi żball ġiet tradotta bħala "jekk", u b'hekk it-tifsira li twassal hija l-kuntrarju ta' dik intenzjonata. Għalhekk jeħtieġ li tiġi kkoreġuta l-verżjoni bil-lingwa Slovakka tar-Regolament. Il-verżjonijiet bil-lingwi kollha l-oħra ma jintlaqtux.

(2) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2403 għandu jiġi kkoreġut skont dan,

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 91/477/KEE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403 tal-15 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni sabiex ikun żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu inoperabbli irreversibilment (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 62).